2026/2300

28.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2300

tal-15 ta' Ottubru 2026

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Diċembru 2018, CID LINES NV ippreżentat applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għall-awtorizzazzjoni ta' familja ta' prodotti bijoċidali bl-isem "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV" tat-tipi ta' prodott 2, 3, 4 u 5, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tal-Belġju kienet aċċettat li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-MY047028-07 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.

(2) Is-sustanza attiva fil-prodott "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV" hija l-kloru attiv li jiġi rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju, u li huwa inkluż fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodott 2, 3, 4 u 5.

(3) Fit-23 ta' Marzu 2021, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ppreżentat rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija").

(4) Fl-4 ta' Novembru 2021, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Aġenzija ppreżentat opinjoni ([2]) lill-Kummissjoni, li kienet tinkludi l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") ta' "Active chlorine-based products BPF-CID LINES NV" u r-rapport ta' valutazzjoni finali dwar il-familja tal-prodotti bijoċidali.

(5) L-opinjoni tikkonkludi li "Active chlorine-based products BPF-CID LINES NV" hija familja ta' prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li hija eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fit-22 ta' Novembru 2021, l-Aġenzija bagħtet l-abbozz tal-SPC bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali qajjem dubji dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju proposti fl-opinjoni tal-Aġenzija biex l-operaturi jiġu protetti mill-ħsara irriversibbli tal-applikazzjoni ta' partikoli korrużivi permezz tal-bexx bi pressjoni ta' taqtir kbir. Il-Kummissjoni qieset xieraq li tipposponi d-deċiżjoni tagħha sakemm jiġu identifikati miżuri xierqa biex jittaffa dak ir-riskju.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
([2]) L-opinjoni tal-ECHA tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' "Active chlorine-based products BPF-CID LINES NV" (ECHA/BPC/288/2021).

(8) Wara iktar diskussjonijiet mal-Aġenzija u mal-awtorità kompetenti tal-evalwzzjoni, fit-28 ta' April 2023, il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 75(1), il-punt (g) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, biex tiċċara jekk l-ilbies ta' tagħmir ta' protezzjoni personali jew ta' tagħmir ta' protezzjoni respiratorja għall-applikazzjoni tal-prodotti bijoċidali kklassifikati bħala korrużivi għall-ġilda u għall-għajnejn tal-Kategorija 1A u korrużivi għall-apparat respiratorju, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ([3]), u applikati permezz tal-formazzjoni tar-ragħwa u bil-bexx bi pressjoni ta' taqtir kbir, huwiex konformi mal-gwida teknika tal-Aġenzija ([4]), u jekk inhu hekk, biex tiċċara għal-liema kundizzjonijiet tax-xogħol dan jista' japplika u jekk ikunux meħtieġa xi miżuri addizzjonali għall-mitigazzjoni tar-riskji.

(9) Fil-11 ta' Settembru 2025, l-Aġenzija ħarġet opinjoni ([5]) fejn ikkonkludiet li l-użu tat-tagħmir ta' protezzjoni għall-applikazzjoni tal-prodotti bijoċidali kklassifikati bħala korrużivi għall-ġilda u għall-għajnejn tal-Kategorija 1A u korrużivi għall-apparat respiratorju u applikati permezz tal-formazzjoni tar-ragħwa u tal-bexx bi pressjoni ta' taqtir kbir jista' jkun aċċettabbli u huwa konformi mal-gwida teknika tal-Aġenzija.

(10) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjonijiet tal-Aġenzija u għalhekk hija tal-fehma li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV".

(11) Fl-opinjoni tagħha tal-11 ta' Settembru 2025, l-Aġenzija tirrakkomanda li, bħala kundizzjoni fl-awtorizzazzjoni, id-detentur tal-awtorizzazzjoni jwettaq it-test tat-temperatura tad-dekompożizzjoni awtoaċċellerata (SADT, self-accelerating decomposition temperature) għal "Active chlorine-based products BPF-CID LINES NV". Dak it-test jenħtieġ li jikkonferma li l-prodotti fil-meta-SPCs 1, 3 sa 11 u 13 sa 15 ma jridux jiġu kklassifikati bħala taħlita awtoreattiva.

(12) Il-Kummissjoni taqbel ma' dik ir-rakkomandazzjoni u hija tal-fehma li l-preżentazzjoni tar-riżultati ta' dak it-test li jikkonfermaw in-nonklassifikazzjoni jenħtieġ li tkun kundizzjoni marbuta mal-introduzzjoni fis-suq u mal-użu tal-prodotti bijoċidali f'"Active chlorine-based products BPF-CID LINES NV" fil-meta-SPCs 1, 3 sa 11, u 13 sa 15 skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-fatt li d-data trid tiġi pprovduta wara li tingħata l-awtorizzazzjoni ma jaffettwax il-konklużjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjoni skont l-Artikolu 19(6), ta' dak ir-Regolament abbażi tad-data eżistenti.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0027465-0000 lil CID LINES NV għall-introduzzjoni fis-suq u għall-użu tal-familja ta' prodotti bijoċidali "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV", soġġett għall-konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I u f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbiliti fl-Anness II.

L-Awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mis-17 ta' Novembru 2026 sal-31 ta' Ottubru 2036.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

([4]) ECHA Guidance on the Biocidal Products Regulation Volume III: Human health – Partijiet B+C, Verżjoni 5.0, Awwissu 2025. Taqsima 4.4.2 (u b'mod partikolari l-Eżempju 5).

([5]) L-opinjoni tal-ECHA tal-11 ta' Settembru 2025 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' "Active chlorine based products BPF - CID LINES NV" (ECHA/BPC/498/2025), https://echa.europa.eu/bpc-opinions-on-union-authorisation.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET (EU-0027465-0000)

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jwettaq it-test tat-temperatura tad-dekompożizzjoni awtoaċellerata (SADT, self-accelerating decomposition temperature) għal "Active chlorine based products BPF – CID LINES NV" biex jiġi kkonfermat li l-prodotti bijoċidali fil-meta-SPCs 1, 3 sa 11 u 13 sa 15 ma jridux jiġu kklassifikati bħala taħlitiet awtoreattivi.

Sas-17 ta' Novembru 2027 id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jissottometti r-riżultati tat-test li jikkonfermaw in-nonklassifikazzjoni lill-Aġenzija.

ANNESS II

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

Active chlorine based products BPF - CID LINES NV

Tip(i) ta' prodott

PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali

PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf

PT03: Iġjene veterinarja

PT05: Ilma tax-xorb

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0027465-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0027465-0000

PARTI I

L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI

1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1 **Kunjom**

Isem	Active chlorine based products BPF - CID LINES NV

1.2 **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf PT03: Iġjene veterinarja PT05: Ilma tax-xorb

1.3 **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	CID LINES NV
	Indirizz	Waterpoortstraat 2 8900 Ieper BE
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0027465-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0027465-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Is-17 ta' Novembru 2026	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-31 ta' Ottubru 2036	

1.4 **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Ecolab Europe GmbH
Indirizz tal-manifattur	Richtistrasse 7 8304 Wallisellen L-Iżvizzera
Post ta' siti ta' manifattura	Laboratoires Anios Laboratoires Anios, 3330 Rue de Lille, 59262 Sainghin-en-Mélantois Franza Ecolab production France SAS ECL Châlons, AVENUE DU GENERAL PATTON, 51000 Châlons en Champagne Franza SOLUSCOPE Rue du Fauge 100, ZI Les Paluds, 13400 Aubagne Franza Ecolab Rozzano, Italy ECL Rozzano, Via A. Grandi, 20089 Rozzano MI L-Italja NALCO ITALIANA MANUFACTURING SRL Via Vernea 99, 10042 Nichelino L-Italja NUOVA FARMEC SRL Via W. Flemming 7, 37026 Settimo di Pescantina (Verona) L-Italja Ecolab Mandra, Greece Athinon - Thivon Old National Rd (25th Km), GR 19600 Thivon Il-Greċja Ecolab Weavergate Winnington Avenue, CW8 3AA Northwich Cheshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq Techtex Units 7&8 Rhodes Business Park Silburn Way, M24 4NE Middleton Manchester Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq Ecolab Limited Baglan Energy Park, Lot 7, Brunel Way, SA11 2G Neath Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq Ecolab Bioquell 52 Royce Close, Portway, SP10 3TS Andover Hampshire Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq CID LINES N.V.Waterpoortstraat 2, 8900 Ieper Il-Belġju Ecolab B.V.B.A INDUSTRIEZONE RAVENSHOUT 4, 3980 Tessenderlo Il-Belġju Nalco Deutschland Manufacturing GmbH und Co.KG Justus-von-Liebig-Str. 11, D-64584 Biebesheim Il-Ġermanja Ecolab Engineering GmbH Raiffeisenstrasse 7, 88313 Siegsdorf Il-Ġermanja Ecolab Mullingar, Ireland Central Forest Park. Zone C Mullingar Business Park, N91 E1WD Mullingar Co. Westmeath L-Irlanda Ecolab d.o.o. Vajngerlova 4, 2000 Maribor Is-Slovenja Nalco Española Manufacturing, SLU NALCO - Celra C/ Tramuntana s/n Polígon Industrial Celrà, 17460 Girona Spanja NALCO FINLAND MANUFACTURING OY Kivikummuntie 1, FIN-07955 Tesjoki Il-Finlandja BRENNTAG Nordic Site 1 Strandgade 35, 7100 Vejle Id-Danimarka BRENNTAG Nordic Site2 Høsten Teglværksvej 47, 4690 Haslev Id-Danimarka BRENNTAG Nordic Site 3 Borupvang 5B, 2750 Ballerup Id-Danimarka BRENNTAG NORDIC A/S Site 1 Kalnesveien 1, 1712 Grålum In-Norveġja BRENNTAG NORDIC A/S Site 2 Vevgatan 2, 504 64 Borås L-Iżvezja BRENNTAG NORDIC A/S Site 4 Lotsgatan 1, 392 31 Kalmar L-Iżvezja Brenntag GmbH Site 1 Am Röhrenwerk 46, 47259 Duisburg Il-Ġermanja

	Brenntag GmbH Site 2 Messeallee 11, 45131 Essen Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 3 Carl-Benz-Str. 8, 60314 Frankfurt am Main Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 4 Boschstr.3, 08371 Glauchau Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 5 Hannoversche Str. 40, 21079 Hamburg Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 6 Dieselstr. 5, 74076 Heilbronn Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 7 Merkurstr. 47, 67663 Kaiserslautern Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 8 Am Fieseler Werk 9, 34253 Lohfelden Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 9 Rupert-Bodner-Str. 20, 81245 München Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 10 Am Nordseekai 22, 73207 Plochingen Il-Ġermanja Brenntag GmbH Site 11 Magirus-Deutz-Str. 12, 89077 Ulm Il-Ġermanja Brenntag Poland Site 1 ul. Pijarska 1, 05-530 Góra Kalwaria Il-Polonja Brenntag Poland Site 2 Przemysłowa 2, 62-080 Jankowice Il-Polonja Brenntag Poland Site 3 Józefa Bema 21, 47-224 Kędzierzyn-Koźle Il-Polonja Brenntag Poland Site 4 ul. Kwasowa 5, 95-100 Zgierz Il-Polonja Brenntag Poland Site 5 Komenského 75, 768 11 Chropyně Iċ-Ċekja Brenntag Poland Site 6 Mezi úvozy 1850/1, 193 00 Praha 9-Horní Počernice Iċ-Ċekja Brenntag Poland Site 7 Bányalég u. 45, 1225 Budapest L-Ungerija Brenntag S.R.L. Site 1 Str Garii Nr 2 BIS, 77040 Com.Chiajna, Jud.Ilfov Ir-Rumanija Brenntag S.R.L. Site 2 Drumul Gării 1, 077040 Chiajna Ir-Rumanija Brenntag Slovakia s.r.o. Glejovka 15, 902 03 Pezinok Is-Slovakkja Brenntag GmbH Site 12 Elsässerstrasse 231, 4056 Basel L-Iżvizzera Brenntag BRENNTAG BRENNTAG CEE – Guntramsdorf, Austria Bahnstr. 13, 2353 Guntramsdorf L-Awstrija BRENNTAG Normandie, France 12 Sente des Jumelles - BP 11, 76710 Montville Franza A.F.P. GmbH Otto-Brenner-Straße 16-18, 21337 Lüneburg Il-Ġermanja Alcochem Minerals B.V. Zeilmaker 4, 3861 SM Nijkerk In-Netherlands FAREVA ARDEPHARM 1041 Chemin de la digue du Rhône, 07300 Tournon-sur-Rhône Franza FAREVA Interfill LLC Moskovskoye Chausse 1, 187000 Tosno Il-Federazzjoni Russa CHRISTEYNS NV Site 1 Rutland St, BD4 7EA Bradford Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq CHRISTEYNS NV Site 2 2 Cameron Court, WA2 8RE Warrington Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq DAN MOR (DR WIPE) 29 Hailan St., 3060000 Or Akiva Industrial Zone Iżrael Farmak Moravia a.s. Na Vlčinci 16/3, 779 00 Olomouc Iċ-Ċekja

	FELT 10 Rue du Vertuquet, 59960 Neuville-en-Ferrain, Franza FERDINAND EIMERMACHER GMBH &CO.KG Westring 24, 48356 Nordwalde Il-Ġermanja GANDAE Gaardeniersweg 2, 9000 Gent Il-Belġju HYDRACHEM LTD Unit 16 Gillmans Industrial Estate, Natts Lane, RH14 9EZ Billingshurst Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq INNOVATE GMBH Gewerbegebietsstraße 30, 06618 Schönburg Il-Ġermanja Jago Pro Szczakowska 35, 43-600 Il-Polonja KEMVIT OY Bastintie 303, 68410 Alaveteli Il-Finlandja KOMPAK NEDERLAND BV Munnikenheiweg 63, 4879 NE Etten-Leur In-Netherlands La Antigua Lavandera S.L. Carretera Sevilla Alcala 75, 41500 Alcala DE Guadaira (Sevilla) Spanja Lichtenheldt GmbH Industriestr. 7 – 11, 23812 Wahlstedt bei Bad Segeberg Il-Ġermanja MKS GMBH & CO Am Ockenheimer Graben 43, 55411 Bingen am Rhein Il-Ġermanja PAL INTERNATIONAL Bilton Way, LE17 4JA Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq PENNWHITE LTD Aston Way, Midpoint 18 Business Park, CW10 0HS Middlewich Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq RNM PRODUTOS QUIMICOS, LDA Avenida das Searas, nº 132, 4770-329 Landim Il-Portugall RUTPEN LTD Membury Airfield, RG17 7TJ Lambourn Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq Solimix Montseny 17-19, Pol. Ind. Sant Pere Molanta 08799 Olerdola Barcelona Spanja Staub & Co. GmbH M Industriestraße 3, 86456 Gablingen Il-Ġermanja TECHNIKRAFT LTD Britannia Road, DN14 6ET Goole Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq VAN DAM BODEGRAVEN BV Zeppelinstraße 12, 45470 Mülheim an der Ruhr Il-Ġermanja VARENNE LABORATOIRE 2 Rue du Château, 60126 Rivecourt Franza Evonik Peroxid GmbH Fabrikstraße 1, 9721 Weißenstein ob der Drau L-Awstrija Belinka, Slovenia Belinka Zasavska Cesta 95, 1231 Ljubljana Is-Slovenja Budich International Gmbh, Germany Budich International GmbH Dieselstrasse 10, 32120 Hiddenhause Il-Ġermanja BRENNTAG NORDIC A/S Site 3 Norra Bangatan 3, 718 32 Frövi L-Iżvezja PLUM A/S, Denmark Frederik Plums Vej 2, 5610 Assens Id-Danimarka

1.5 **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju
Isem tal-manifattur	Vynova Belgium NV
Indirizz tal-manifattur	Heilig Hartlaan 21 3980 Tessenderlo Il-Belġju

Post ta' siti ta' manifattura	Vynova Belgium NV site 1 Heilig Hartlaan 21 3980 Tessenderlo Il-Belġju

Sustanza attiva	Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju
Isem tal-manifattur	Nouryon Industrial Chemicals B.V.
Indirizz tal-manifattur	Velperweg 76 6824 BM Arnhem In-Netherlands
Post ta' siti ta' manifattura	Nouryon Industrial Chemicals B.V. site 1 Oosterhorn 4 9936 HD Farmsum (Delfzijl) In-Netherlands

Sustanza attiva	Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju
Isem tal-manifattur	INOVYN Europe LTD
Indirizz tal-manifattur	Avenue Des Olympiades 20 B-1140 Brussels Il-Belġju
Post ta' siti ta' manifattura	INOVYN Europe LTD site 1 Rue Solvay 39 5190 Jemeppe-sur-Sambre Il-Belġju INOVYN Europe LTD site 2 Haven 647, Scheldelaan 480 2040 Antwerp Il-Belġju

2 KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI

2.1 **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju		Sustanza attiva			1,9 - 12,5 % (w/w)
Ipoklorit tas-sodju (soluzzjoni teknika b'purità minima ta' 18 % w/w kloru attiv)	Sodium hypochlorite	rilaxxatur	7681-52-9	231-668-3	10,56 - 69,45 % (w/w)
Idrossidu tal-potassju	Idrossidu tal-potassju	Sustanza mhux attiva	1310-58-3	215-181-3	0 - 13,75 % (w/w)
Idrossidu tas-sodju	Idrossidu tas-sodju	Sustanza mhux attiva	1310-73-2	215-185-5	0 - 12,5 % (w/w)
Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Sustanza mhux attiva	308062-28-4	931-292-6	0 - 3 % (w/w)
Aċidu siliċiku, melħ tas-sodju	Aċidu siliċiku, melħ tas-sodju	Sustanza mhux attiva	1344-09-8	215-687-4	0 - 13,5 % (w/w)

2.2 **Tip(i) ta' formulazzjoni**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor SL Konċentrat li jinħall

PARTI II

IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)

1 META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1 **Meta SPC 1 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: meta SPC 1

1.2 **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-1

1.3 **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf PT03: Iġjene veterinarja PT05: Ilma tax-xorb

2 KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1

2.1 **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju		Sustanza attiva			2,6 - 2,6 % (w/w)
Ipoklorit tas-sodju (soluzzjoni teknika b'purità minima ta' 18 % w/w kloru attiv)	Sodium hypochlorite	rilaxxatur	7681-52-9	231-668-3	14,44 - 14,44 % (w/w)
Idrossidu tas-sodju	Idrossidu tas-sodju	Sustanza mhux attiva	1310-73-2	215-185-5	1 - 1,5 % (w/w)
Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Sustanza mhux attiva	308062-28-4	931-292-6	1,5 - 3 % (w/w)

2.2 **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

Tip(i) ta' formulazzjoni	SL Konċentrat li jinħall

3 DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. EUH071: Korrużiv għas-sistema respiratorja.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P260: Tiblax bin-nifs fwar. P260: Tiblax bin-nifs sprej. P260: Tiblax bin-nifs raxx. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P280: Ilbes ingwanti protettivi/ilbies protettiv/ protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall- wiċċ. P301+P330+P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT/tabib. P501: Armi l-kontenut fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali, skont ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. P501: Armi il-kontenitur fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali, skont ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. P391: Iġbor it-tixrid.

4 UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC

4.1 **Deskrizzjoni tal-użu**

TP 02 - Uża #1.1: Diżinfezzjoni t'uċuħ ibsin mhux porużi u tagħmir bl-ixkupiljar, ragħwa, sprejjar, tferrigħ segwit bl-imsiħ – użu professjonali

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Mhux rilevanti

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: . Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: Ħmejjer Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: .
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Ġewwa Fi djar l-industrija, istituzzjonijiet (bħal uffiċċji jew ħabs), żoni pubbliċi u lukandi (mhux f'żoni tal-kura tas-saħħa): Diżinfezzjoni t'uċuħ ibsin/mhux porużi, mingħajr tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Diżinfezzjoni t'uċuħ bl-ixkupiljar, ragħwa, sprejjar, tferrigħ segwit bl-imsiħ Deskrizzjoni dettaljata: Prodott konċentrat, biex jiġi dilwit. Għal proċeduri ta' diżinfezzjoni bi: - Xkupiljar, - Ragħwa: tagħmir tar-ragħwa bi pressjoni baxxa jew ragħwa bil-grillu, - Sprejjar: tagħmir tal-isprejjar mhux fin bi pressjoni baxxa jew sprej bil-grillu, - Tferrigħ segwit bl-imsiħ. Laħlaħ wara d-diżinfezzjoni bl-ilma ta' kwalità tax-xorb.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata massima ta' applikazzjoni: 250 mL/m^2. Attiv kontra l-batterji, fungi/ħmejjer u viruses: b'25 % f'Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 25 min Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Għandu jintuża bejn il-produzzjoni u/jew parti mit-tindif ta' kuljum
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun: 1 L, 1 Kg — Tanbur: 5 L, 10 L, 20 L, 25 L, 30 L, 60 L, 200 L, 220 L, 5 kg, 10 kg, 12 kg, 20 kg, 25 kg, 30 kg, 60 kg, 200 kg, 220 kg, 240 kg — Kontenitur: 600 L, 1 000 L, 1 100 L, 600 kg, 1 000 kg, 1 100 kg HDPE (Polietilen ta' Densità Għolja)

4.1.1 *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Taħlit u tagħbija:

— Taħlit u tagħbija manwali: Il-kontenitur jinfetaħ manwalment u l-prodott jiġi mferra fir-reċipjent li jkun fih il-volum rilevanti t'ilma sabiex tinkiseb id-dilwizzjoni meħtieġa.

— Taħlit u tagħbija semiawtomatizzati: Il-kontenitur jinfetaħ manwalment u l-pajp jitqiegħed fil-landa. Imbagħad ittrasferixxi l-prodott b'ippumpjar manwali jew b'pompa semiawtomatika.

— Taħlit u tagħbija kompletament awtomatizzati: Il-kontenitur jinfetaħ jew jiġi mqabbad manwalment. It-trasferiment tal-prodott isir b'mod awtomatiku.

Dilwizzjoni:

Batterji, ħmejjer, fungi, virus: Iddilwixxi l-prodott sa 25 %. (Iddoża 25 mL tal-prodott biex tipprepara soluzzjoni ta' 100 mL)

Applikazzjoni:

L-applikazzjoni tista' ssir bl-ixkupiljar (applika billi tuża broxk), ragħwa (applika billi tuża tagħmir tar-ragħwa bi pressjoni baxxa jew raġwa bil-grillu), sprejjar (applika billi tuża tagħmir tal-isprejjar mhux fin bi pressjoni baxxa jew sprej bil-grillu), tferrigħ segwit bl-imsiħ (applika billi tuża biċċa).

Ir-rata t'applikazzjoni hija ta' 250 mL/m^2. Ir-raġwa u l-isprejjar isiru bi pressjoni baxxa biex tiġi evitata l-formazzjoni ta' aerosols. Kun żgur li tuża raġwa/tisprejja/tixkupilja/tferra' u timsaħ b'biżżejjed likwidu biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal mill-inqas 25 minuta.

Xkupiljar: għandha tintuża xkupilja bil-manku biex tiġi applikata s-soluzzjoni dilwita.

Ferra s-soluzzjoni dilwita direttament fuq il-wiċċ u xkupilja.

Ir-rata t'applikazzjoni hija valur tal-agħar każ. Applika kwantità minima tal-prodott sabiex jiġi kopert il-wiċċ kolluha u sabiex il-wiċċ jibqa' mxarrab sa tmiem il-ħin tal-kuntatt.

Laħlaħ il-wiċċ wara l-użu b'ilma ta' kwalità tax-xorb.

Wara l-applikazzjoni: il-kontenituri vojta jiġu mormija.

Frekwenza: għandu jintuża bejn il-produzzjoni u/jew parti mit-tindif ta' kuljum.

4.1.2 *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

M'għandekx tgħaddas idejk fis-soluzzjoni.

- (Tużax/tapplikax) direttament fuq jew ħdejn ikel, għalf jew xorb, jew fuq uċuħ jew għodod li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' ikel, għalf u annimali.

-Tapplikax direttament fuq uċuħ fejn jinħażnu, jiġu ppreparati jew jittieklu l-ikel jew l-għalf.

4.1.3 *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.4 *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

4.1.5 *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

5 STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1

5.1 **Struzzjonijiet għall-użu**

Ara l-istruzzjonijiet speċifiċi għal kull użu.

Tħallatx ma' sustanzi kimiċi oħran.

Ċiklu ta' diżinfezzjoni :

— Il-prodotti għandhom jiġu dilwiti bl-ilma qabel jintużaw.

— Ir-rata ta' dilwizzjoni u l-ħin ta' kuntatt jiddependu fuq l-użu kkunsidrat. Jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.

— Hu meħtieġ tlaħliħ finali (b'ilma ta' kwalità tax-xorb).

Proċeduri ta' diżinfezzjoni tal-uċuħ **bl-isprejjar, raġwa, xkupiljar jew tferrigħ segwit bl-imsiħ** : Għall-aqwa diżinfezzjoni, l-uċuħ li se jiġu diżinfettati għandhom jiġu mxarrba biżżejjed bil-għan li jinżammu mxarrba matul il-ħin ta' kuntatt meħtieġ.

Is-sentenza prekawzjonarja li ġejja għandha tiżdied fuq it-tikketta tal-prodott: "Kun żgur li xxarrab is-superfiċje kompletament".

5.2 **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Matul it-taħlit u t-tagħbija l-applikazzjoni (xkupiljar/tferrigħ u msiħ) u l-istadju ta' wara l-applikazzjoni:

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi waqt il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott konformi ma' EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konformi ma' EN 166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Għandha tintlibes tuta kompluta protettiva (mill-anqas tat-tip 3, EN 14605 jew ekwivalenti).

Ilbes xedd tas-saqajn protettiv xieraq (EN 13832 jew ekwivalenti) meta tapplika l-prodott.

Waqt applikazzjoni (sprejjar/formazzjoni ta' ragħwa bil-grillu):

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi waqt il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott konformi ma' EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konformi ma' EN 166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Għandha tintlibes tuta kompluta protettiva (mill-anqas tat-tip 4, EN 14605 jew ekwivalenti).

Ilbes xedd tas-saqajn protettiv xieraq (EN 13832 jew ekwivalenti) meta tapplika l-prodott.

L-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni respiratorja (RPE) konformi ma' EN 136 jew ekwivalenti li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 10 huwa obbligatorju. Mill-inqas respiratur għall-purifikazzjoni tal-arja li jaħdem bl-elettriku b'elmu/kappa/maskra (TH1/TM1), jew maskra li tgħatti nofs il-wiċċ jew il-wiċċ kollu b'filtru tal-partiċelli P2 huma meħtieġa.

Waqt applikazzjoni permezz ta' ragħwa u permezz ta' sprejjar mhux fin:

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi waqt il-fażi tal-immaniġġjar tal-prodott konformi ma' EN 374 jew ekwivalenti.

Għandha tintlibes tuta kompluta protettiva, bil-barnuża (mill-anqas tat-tip 4, EN 14605 jew ekwivalenti).

L-ilbies ta' maniki għall-polzi u għall-għekiesi huwa obbligatorju.

Ilbes xedd tas-saqajn protettiv xieraq (EN 13832 jew ekwivalenti) meta tapplika l-prodott.

L-użu ta' lqugħ għall-wiċċ/maskra tal-wiċċ huwa obbligatorju.

Tagħmir ta' protezzjoni respiratorja (RPE) li jipprovdi fattur ta' protezzjoni ta' 40 huwa obbligatorju. Mill-anqas respiratur għall-purifikazzjoni tal-arja li jaħdem bl-elettriku b'elmu/barnuża/maskra (TH3/TM3), jew maskra li tgħatti l-wiċċ kollu (EN 136 jew ekwivalenti) b'filtru tal-partiċelli (filtri konformi ma' EN 143 jew ekwivalenti), tip P3.

L-użu tal-apparat protettiv huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenzi sħaħ għal dan l-att u l-Istandards Ewropej.

Applika l-prodott b'lanza biex tiżdied id-distanza bejn l-utent u s-sors ta' emissjoni.

Wara d-diżinfezzjoni, l-uċuħ trattati għandom jitlaħalħu sew b'ilma ta' kwalità tax-xorb.

L-istess PPEs/RPE għandhom jintlibsu waqt it-tlaħliħ tal-kamra.

Speċifikazzjonijiet meħtieġa għas-sigurtà u l-użu adegwat ta' PPE waqt l-applikazzjoni ta' prodott korrużiv għandhom jiġu speċifikati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Taħriġ lill-utenti għandu jkun assikurat biex tiġi żgurata ġestjoni adegwata tal-prodott u tal-PPE meħtieġ.

Sabiex tillimita l-esponiment waqt it-tneħħija tal-PPEs, il-PPEs għandhom jitnaddfu wara kull użu u qabel jitneħħew.

Sprejjar/formazzjoni ta' ragħwa bil-grillu:

Sabiex tnaqqis l-esponiment li jittieħed man-nifs, il-prodott jista' jiġi applikat biss bi sprejjar bil-grillu biex iforni qtar mhux fin (MMAD > 100). Jekk jogħġbok irreferi għand il-fornitur tat-tagħmir għal dettalji tekniċi.

Raġħwa u Sprejjar Mhux Fin: Sabiex tnaqqis l-esponiment inalatorju, il-prodott jista' jiġi applikat biss bi sprejjar ta' frak ħoxnin. Jekk jogħġbok irreferi għand il-fornitur tat-tagħmir għal dettalji tekniċi.

Kun żgur li l-applikazzjoni permezz ta' raġħwa jew permezz ta' sprejjar mhux fin tiġi mwettqa b'ventilazzjoni adegwata. Il-ventilazzjoni għandha tiġi speċifikata mid-detentur tal-Awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott.

Wara d-diżinfezzjoni bi sprejjar jew raġħwa mhux fina, wieħed jista' jerġa' jidħol mill-ġdid fil-parti trattata biss meta jiġi żgurat li l-konċentrazzjoni ambjentali ta' klorin tkun taħt 0.5 mg/m^3.

Jekk m'hemmx metodu xieraq sabiex tiġi stabbilita l-konċentrazzjoni ta' klorin fl-arja wara l-użu, ikkuntattja l-fornitur.

Aħsel idejk wara l-użu.

Applika meta ma jkunx hemm nies u annimali preżenti u 'l bogħod minnhom.

M'għandu jkun hemm l-ebda aċċess għall-pubbliku ġenerali waqt it-trattament u sakemm l-uċuħ ikunu nixfu.

Żomm 'il bogħod minn annimali domestiċi/żomm fejn ma jintlaħaqx minn annimali domestiċi.

5.3 **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs.

Jekk ikun hemm sintomi: Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk ma jkunx hemm sintomi: Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek minnufih. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Baħbaħ minnufih il-ġilda b'ħafna ilma. Wara, neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Ibqa' laħlaħ il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ minnufih bl-ilma għal ħafna minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal tal-inqas 15-il minuta. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/it-tabib:

L-għajnejn ukoll iridu jitlaħalħu ripetutament waqt li tkun sejra għand it-tabib, jekk l-għajn ġiet esposta għal kimiċi alkalini (pH > 11), amini u aċidi bħall-aċidu aċetiku, aċidu formiku jew aċidu propjoniku.

5.4 **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Fi tmiem it-trattament armi kull prodott li ma ntużax u l-ippakkjar skont ir-rekwiżiti lokali. Il-prodott użat jista' jiġi fflaxxjat fid-dranaġġ miniċipali jew mormi fid-depożitu tad-demel skont ir-rekwiżiti lokali. Evita r-rilaxx f'impjant ta' trattament individwali tad-dranaġġ.

5.5 **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

M'għandekx taħżen f'temperatura ogħla minn 30 °C u aħżen protett mid-dawl tax-xemx. Żomm fil-kontenitur oriġinali.

Aħżen f'post xott, frisk u ventilat sew. Ipprovdi egżost lokali jew ventilazzjoni ġenerali tal-kamra sabiex tnaqqas il-konċentrazzjonijiet ta' raxx fin u/jew fwar. Żomm il-kontenitur magħluq meta mhux jintuża. Imminimizza l-esponiment għall-arja u d-dawl.

Il-ħajja ta' fuq l-ixkaffa tal-prodott hija ta' 12-il xahar. Wara li tiftaħ il-laned, il-prodotti huma stabbli għal 6 xhur.

Jista' jifforma klorat tas-sodju waqt il-ħżin. Biex tevita l-formazzjoni dejjem tiżdied ta' dan il-prodott ta' degradazzjoni, m'għandekx taqbeż il-ħajja ta' fuq l-ixkaffa stabbilita tal-prodott bijoċidali.

6 INFORMAZZJONI OĦRA

Fl-eventwalità ta' estrazzjoni ta' ilma tax-xorb mill-ilma tal-wiċċ/tal-pjan, il-limitu ta' 700 µg/L ta' klorat fl-ilma tax-xorb għandu jiġi mmonitorjat.

"Professjonisti (li jinkludu utenti industrijali)" tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

It-titoli sħaħ tal-standards EN li għalihom qed issir referenza fit-taqsimiet "Miżuri ta' mitigazzjoni ta' riskju ġenerali" huma:

EN ISO 374-1:2016 Ingwanti protettivi kontra kimiċi u mikroorganiżmi – Parti 1: Terminoloġija u rekwiżiti ta' operat għal riskji kimiċi (ISO 374-1:2016)

EN 166:2001 Protezzjoni tal-għajnejn personali – Speċifikazzjonijiet

EN 14605:2005+A1:2009 Ilbies protettiv kontra kimiċi likwidi - Rekwiżiti ta' operat għal ilbies b'konnessjonijiet li ma jħallux likwidi jgħaddu (Tip 3) jew sprej jgħaddu (Tip 4), inklużi oġġetti li jagħtu protezzjoni lil partijiet tal-ġisem biss (Tipi PB [3] u PB [4])

EN 13832-3:2018 Xedd tas-saqajn protettiv kontra s-sustanzi kimiċi – Parti 3: Rekwiżiti għal kuntatt fit-tul ma' sustanzi kimiċi

EN 136:1998 Apparati respiratorji protettivi – Maskri li jgħattu l-wiċċ kollu – Rekwiżiti, ittestjar, immarkar | EN 136:1998/AC:2003

EN 143:2021 Apparati respiratorji protettivi – Filtri tal-partikoli – Rekwiżiti, ittestjar, immarkar

Id-Direttiva tal-kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11)

7 IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1

7.1 **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem/Ismijiet kummerċjali		Chlorofresh			
		Kenolux S300			
Numru tal-awtorizzazzjoni		EU-0027465-0001 1-1			
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju		Sustanza attiva			2,6 % (w/w)
Ipoklorit tas-sodju (soluzzjoni teknika b'purità minima ta' 18 % w/w kloru attiv)	Sodium hypochlorite	rilaxxatur	7681-52-9	231-668-3	14,44 % (w/w)
Idrossidu tas-sodju	Idrossidu tas-sodju	Sustanza mhux attiva	1310-73-2	215-185-5	1,5 % (w/w)
Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Sustanza mhux attiva	308062-28-4	931-292-6	1,5 % (w/w)

1 META SPC 2 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA

1.1 **Meta SPC 2 identifikatur**

Identifikatur	Meta SPC: meta SPC 2

1.2 **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

Numru	1-2

1.3 **Tip(i) ta' prodott**

Tip(i) ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali PT04: Żoni tal-ikel u tal-għalf PT03: Iġjene veterinarja PT05: Ilma tax-xorb

2 KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 2

2.1 **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 2**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Klorin attiv rilaxxat mill-ipoklorit tas-sodju		Sustanza attiva			1,9 - 1,9 % (w/w)
Ipoklorit tas-sodju (soluzzjoni teknika b'purità minima ta' 18 % w/w kloru attiv)	Sodium hypochlorite	rilaxxatur	7681-52-9	231-668-3	10,56 - 10,56 % (w/w)
Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Ammini, C12-14 (numerati biż-żewġ)-alkildimetil, N-ossidi	Sustanza mhux attiva	308062-28-4	931-292-6	0,9 - 0,9 % (w/w)

2.2 **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 2**

Tip(i) ta' formulazzjoni	AL Kwalunkwe likwidu ieħor

3 DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 2

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H290: Jista' jkun korrużiv għall-metalli. H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H412: Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. EUH071: Korrużiv għas-sistema respiratorja.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P260: Tiblax bin-nifs fwar. P260: Tiblax bin-nifs sprej. P260: Tiblax bin-nifs raxx. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P280: Ilbes ingwanti protettivi/ilbies protettiv/ protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall- wiċċ. P301+P330+P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P303+P361+P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P304+P340: JEKK JITTIEĦED MAN-NIFS: Esponi lill-persuna għall-arja friska u żommha komda sabiex tkun tista' tieħu n-nifs. P305+P351+P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P310: Ikkuntattja immedjatament ċentru tal-avvelenament/tabib. P501: Armi l-kontenut fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali, skont ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. P501: Armi il-kontenitur fi punt ta' ġbir ta' skart perikoluż jew speċjali, skont ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali. P391: Iġbor it-tixrid.

4 UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC

4.1 **Deskrizzjoni tal-użu**

TP 02 - Uża #2.1 Diżinfezzjoni t'uċuħ ibsin mhux poruż u tagħmir bl-ixkupiljar, ragħwa, sprejjar, tferrigħ segwit bl-imsiħ - professjonisti

Tip ta' prodott	PT02: Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Mhux rilevanti
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: . Isem komuni: Bakterja Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: ħmejjer Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: . Isem xjentifiku: . Isem komuni: Viruses Istadju iżvilupp: .

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Ġewwa Fi djar,l-industrija, istituzzjonijiet (bħal uffiċċji jew ħabs), żoni pubbliċi u lukandi (mhux f'żoni tal-kura tas-saħħa): Diżinfezzjoni t'uċuħ ibsin/mhux poruż, mingħajr tindif minn qabel
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Diżinfezzjoni t'uċuħ bl-ixkupiljar, ragħwa, sprejjar, tferrigħ segwit bl-imsiħ Deskrizzjoni dettaljata: Prodott lest għall-użu. Għal proċedura ta' diżinfezzjoni bi: - Xkupiljar, - Ragħwa/Sprejjar: ragħwa/sprej bil-grillu - Tferrigħ segwit bl-imsiħ. Laħlaħ wara d-diżinfezzjoni bl-ilma ta' kwalità tax-xorb.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: Rata massima ta' applikazzjoni: 250 mL/m². — Attiv kontra batterji u fungi/ħmejjer: b'100 % f'Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 10 min — Attiv kontra l-batterji, fungi/ħmejjer: u viruses: b'100 % f'Temperatura tal-Kamra f'ħin ta' kuntatt ta' 15-il min Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Għandu jintuża bejn il-produzzjoni u/jew parti mit-tindif ta' kuljum
Kategorija/i ta' utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— **Sprejers**: 500 mL, 750 mL, 1 L, 1 Kg — **Flixkun**: 500 mL, 750 mL, 1 L, 1 Kg — **Tanbur**: 5 L, 10 L, 20 L, 25 L, 30 L, 60 L, 200 L, 220 L, 5 kg, 10 kg, 12 kg, 20 kg, 25 kg, 30 kg, 60 kg, 200 kg, 220 kg, 240 kg — **Kontenitur:** 600 L, 1 000 L, 1 100 L, 600 kg, 1 000 kg, 1 100 kg HDPE (Polietilen ta' Densità Għolja)

4.1.1 *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Taħlit u tagħbija:

Għal professjonisti, sabiex jimlew pakketti iżgħar:

Taħlit u tagħbija manwali: Il-kontenitur jinfetaħ manwalment u l-prodott jitferra' fir-reċipjent.

Taħlit u tagħbija semiawtomatizzati: Il-kontenitur jinfetaħ manwalment u l-pajp jitqiegħed fil-landa. Imbagħad ittrasferixxi l-prodott b'ippumpjar manwali jew b'pompa semiawtomatika.

Taħlit u tagħbija kompletament awtomatizzati: Il-kontenitur jinfetaħ jew jiġi mqabbad manwalment. It-trasferiment tal-prodott isir b'mod awtomatiku.

Dilwizzjoni:

Batterji, ħmejjer, fungi, virus: Il-prodott jintuża pur.

Applikazzjoni:

Kun żgur li tapplika biżżejjed likwidu biex iżżomm il-wiċċ imxarrab għal mill-inqas 10 minuti għal batterji, ħmejjer u fungi, u 15-il minuta għal batterji, fungi/ħmejjer u viruses.

Rata ta' applikazzjoni: 250 mL/m². Ir-rata t'applikazzjoni hija valur tal-agħar każ. Applika kwantità minima tal-prodott sabiex jiġi kopert il-wiċċ kolluha u sabiex il-wiċċ jibqa' mxarrab sa tmiem il-ħin tal-kuntatt.

Xkupiljar: għandha tintuża xkupilja bil-manku biex tiġi applikata s-soluzzjoni.

Ferra s-soluzzjoni direttament fuq il-wiċċ u xkupilja.

Laħlaħ il-wiċċ wara l-użu b'ilma ta' kwalità tax-xorb.

Wara l-applikazzjoni: il-kontenituri vojta jiġu mormija.

Frekwenza: għandu jintuża bejn il-produzzjoni u/jew parti mit-tindif ta' kuljum.

4.1.2 *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu.

M'għandekx tgħaddas idejk fis-soluzzjoni.

— (Tużax/tapplikax) direttament fuq jew ħdejn ikel, għalf jew xorb, jew fuq uċuħ jew għodod li x'aktarx jiġu f'kuntatt ma' ikel, għalf u annimali.

— Tapplikax direttament fuq uċuħ fejn jinħażnu, jiġu ppreparati jew jittieklu l-ikel jew l-għalf.

4.1.3 *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu

.

4.1.4 *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu

.

4.1.5 *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-d-rezzjoni ġenerali dwar l-użu

.

5 STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 2

5.1 **Struzzjonijiet għall-użu**

Ara l-istruzzjonijiet speċifiċi għal kull użu.

Tħallatx ma' sustanzi kimiċi oħran.

Ċiklu ta' diżinfezzjoni :

— Il-ħin ta' kuntatt jiddependi fuq l-użu kkunsidrat. Jekk jogħġbok irreferi għad-deskrizzjoni tal-metodu ta' applikazzjoni relatat ma' kull użu.

— Hu meħtieġ tlaħliħ finali (b'ilma ta' kwalità tax-xorb).

Proċeduri ta' diżinfezzjoni tal-uċuħ **bl-isprejjar, ragħwa, xkupiljar jew tferrigħ segwit bl-imsiħ** : Għall-aqwa diżinfezzjoni, l-uċuħ li se jiġu diżinfettati għandhom jiġu mxarrba biżżejjed bil-għan li jinżammu mxarrba matul il-ħin ta' kuntatt meħtieġ.

Is-sentenza prekawzjonarja li ġejja għandha tiżdied fuq it-tikketta tal-prodott: "Kun żgur li xxarrab is-superfiċje kompletament".

5.2 **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Waqt il-istadji ta' tagħbija, applikazzjoni (xkupiljar, tferrigħ segwit bl-imsiħ) u wara l-applikazzjoni:

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi waqt il-faża tal-immaniġġar tal-prodott konformi ma' EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konformi ma' EN 166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Għandha tintlibes tuta kompluta protettiva (mill-anqas tat-tip 3, EN 14605 jew ekwivalenti).

Ilbes xedd tas-saqajn protettiv xieraq (EN 13832 jew ekwivalenti) meta tapplika l-prodott.

Waqt l-isprejjar/formazzjoni ta' raġwa bil-grillu:

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiċi waqt il-fażi tal-immaniġġar tal-prodott konformi ma' EN 374 jew ekwivalenti (il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjoni dwar il-prodott).

L-użu ta' protezzjoni tal-għajnejn konformi ma' EN 166 jew ekwivalenti waqt l-immaniġġar tal-prodott huwa obbligatorju.

Għandha tintlibes tuta kompluta protettiva (mill-anqas tat-tip 4, EN 14605 jew ekwivalenti).

Ilbes xedd tas-saqajn protettiv xieraq (EN 13832 jew ekwivalenti) meta tapplika l-prodott.

L-użu tal-apparat protettiv huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ara t-taqsima 6 għar-referenzi sħaħ għal dan l-att u l-Istandards Ewropej.

Assigura ventilazzjoni adegwata waqt l-applikazzjoni.

Wara d-diżinfezzjoni, l-uċuħ trattati għandom jitlaħalħu sew b'ilma ta' kwalità tax-xorb.

M'għandu jkun hemm l-ebda aċċess għall-pubbliku ġenerali waqt it-trattament u sakemm l-uċuħ ikunu nixfu.

Żomm 'il bogħod minn annimali domestiċi/żomm fejn ma jintlaħaqx minn annimali domestiċi.

5.3 **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs.

Jekk ikun hemm sintomi: Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk ma jkunx hemm sintomi: Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JINBELA': Laħlaħ ħalqek minnufih. Agħti lill-persuna esposta xi ħaġa x'tixrob jekk din tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

F'KAŻ TA' KUNTATT MAL-ĠILDA: Baħbaħ minnufih il-ġilda b'ħafna ilma. Wara, neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel terġa' tilbishom. Ibqa' laħlaħ il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Sejjaħ ĊENTRU TAL-AVVELENAMENTI jew tabib.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ minnufih bl-ilma għal ħafna minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Kompli laħlaħ għal tal-inqas 15-il minuta. Sejjaħ lill-112/ambulanza għal għajnuna medika.

Informazzjoni għall-persunal tal-Kura tas-Saħħa/it-tabib:

L-għajnejn ukoll iridu jitlaħalħu ripetutament waqt li tkun sejra għand it-tabib, jekk l-għajn ġiet esposta għal kimiċi alkalini (pH > 11), amini u aċidi bħall-aċidu aċetiku, aċidu formiku jew aċidu propjoniku.

5.4 **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Fi tmiem it-trattament armi kull prodott li ma ntużax u l-ippakkjar skont ir-rekwiżiti lokali. Il-prodott użat jista' jiġi fflaxxjat fid-dranaġġ miniċipali jew mormi fid-depożitu tad-demel skont ir-rekwiżiti lokali. Evita r-rilaxx f'impjant ta' trattament individwali tad-dranaġġ.

5.5 **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

M'għandekx taħżen f'temperatura ogħla minn 30 °C u aħżen protett mid-dawl tax-xemx. Żomm fil-kontenitur oriġinali.

Aħżen f'post xott, frisk u ventilat sew. Ipprovdi egżost lokali jew ventilazzjoni ġenerali tal-kamra sabiex tnaqqas il-konċentrazzjonijiet ta' raxx fin u/jew fwar. Żomm il-kontenitur magħluq meta mhux jintuża. Imminimizza l-esponiment għall-arja u d-dawl.

